

# *Sebgħin sena ilu* Il-Konvoj ta' Santa Marija - 1942

*Is-Sur Philip Borg*

**Illum forsi naraw traġedji jseħħu minħabba l-gwerer f'pajjiżi oħra permezz ta' filmati u rapporti dettaljati – narawhom kważi dak il-ħin li jseħħu grazzi għall-avvanz enormi fit-teknoloġija. Imma dak li llum naraw fil-films jew fuq it-tv iseħħ u jbikkem ġnus oħra, għaddew minnu missirijietna u nannietna matul it-tieni gwerra dinjija. Pajjiżna, żewġ gżejjer żgħar mikxufa f'nofs il-Mediterran, l-aktar Malta, kienu fil-qofol ta' tant bumbardamenti bla ebda ħniena. Bejn għax gżira f'qagħda ferm strateġika u bejn għax kien bażi militari għall-alleati, pajjiżna kien fil-mira tal-eħrex attakki.**

Minbarra l-qerda u l-ħerba ta' djar u knejjes, il-Maltin kienu qed isofru l-ġuħ u l-għaks. Mhux biss għax xogħol fir-raba ftit seta' jsir, mhux biss għax il-ħażniet kienu dejjem jonqsu, imma wkoll għax bħal missirijietna kienu jridu jieklu wkoll l-eluf ta' suldati u baħrin Ingliżi li kien hawn. Il-popolazzjoni kienet ta' madwar 250,000 waqt li aktar minn 20,000 bejn baħrin, bdoti jew suldati kienu stazzjonati f'Malta.

## Ġuħ u skarsezzi

Il-ġuħ u l-iskarsezza tal-ikel kienu hekk kbar li jirrakkuntaw dawk li għexu dik l-epoka kif ħobża kienet tinbiegħ lira meta l-pagi – għal min kien jaħdem – kienu biss ftit xelini! Dan apparti li kollox tista' tgħid kien jinxtara bil-*black market*! Kien hemm min stagħna u stagħna bla skruplu minn fuq dahar il-poplu mġewwaħ u baqgħu jgawdu wliedhom u wlied uliedhom sal-lum b'negozji mibnijin fuq dak li nsteraq minn ħalq il-poplu mfaqqar! Iżda kien hemm wisq u wisq iktar min litteralment issallab ħaj meta, wara li tilef daru u ġarrab il-mewt ta' qrabatu għeżież, kellu jlaqqat l-iċken ħabba u jsum bilfors biex seta' jrejjaq ftit lil uliedu...



*It-tanker SS Ohio marsus bejn id-destroyers HMS Penn u l-HMS Ledbury*

Minbarra l-ikel, kienu skarsaw sew il-ħażniet tal-petrol għall-vetturi li jġorru l-bombi u apparat militari lejn il-*gun-posts* imxerrdin madwar il-kosta kollha. L-iskarsezza laqtet ukoll ħażniet oħra ta' fuwil fl-ajrudromi ta' Ħal Luqa, Ħal Far, Ta' Qali u l-Qrendi biex l-ajruplani setgħu jittajru malajr hekk kif jinħass xi attakk mill-ajru biex ibegħdu l-ħruxija tan-Nażisti Ġermanizi jew tal-Faxxisti Taljani.

Mill-banda l-oħra, lejn nofs l-1942 l-affarijiet kienu sejrin ħażin għall-alleati. Bejn Jannar u Ġunju il-*U-boats* kienu għarrqu bosta bastimenti li bejniehom laħħqu qrib 3,250,000 f'tunnellaġġ – meta kull vapur tal-merkanzija kellu tunnellaġġ medju ta' 7,000. Sadanittant *Field Marshall* Erwin Rommel (1891-1944) kien qed jiknes kulma jsib quddiemu tul il-kosta Afrikana fin-nofsinhar tal-Mediterran. Waqaf biss xi 35 mil 'il barra minn Lixandra, mhux għax falla, iżda għax ma laħqux waslulu rifornimenti mill-kontinent.

## Malta fiċ-ċentru

Il-qawwa militari Nażista kienet waslet sa Stalingrad fir-Russja fuq naħa u kienet ħakmet tista' tgħid l-Ewropa kollha – Franza, l-Italja, il-Jugoslavja, il-Greċja u kważi l-kosta Afrikana kollha. Spanja, bid-dittatur faxxist Francisco Franco (1892-1975), kienet favur in-nażi u l-faxxisti, waqt li t-Turkija kienet newtrali. L-alleati, l-Ingilterra u l-Istati Uniti, kellhom lil Ġibiltà, Malta u l-Eġittu.

Winston Churchill (1874-1965) kien saħaq li l-konvoj kellu jasal Malta "akkost ta' kollox" billi Malta kienet l-unika forza li kienet qed ixxekkel lil Rommel milli javvanza lil hinn mill-Eġittu biex jilħaq iż-żejt tal-Iran u l-Iraq qabel l-Amerikani. Il-flotta Ingliża, għad li kellha flotta merkantili, ma kellhiex *tankers* hekk kbar biex iwasslu ħażniet kbar ta' żejt. Il-President Amerikan Franklin D. Roosevelt (1882-1945) kien offra żewġ *tankers* kbar, *SS Kentucky* u *SS Ohio* biex ir-*Royal Navy* tkun tista' tużahom fil-ħidma tal-Mediterran bejn Ġibiltà u l-Eġittu.

Malta kienet f'qagħda ċentrali u strateġika biex tikkontrolla l-avvanzi fil-Mediterran iżda ż-żejt u l-ikel kienu jiddependu mill-qawwa tal-flotot militari Ġermaniżi u Taljani, apparti l-qawwiet tal-ajru tagħhom. Kollox kellu jkun impurtat u jirnexxilu jasal biss sa xtutna jekk jiskappa l-qilla ta' dak li kien meqjus imblokk maħsub sew li jżarma l-vina tal-ħajja tal-

Maltin u tal-militar Ingliż f'Malta.

## Tliet konvojs oħra

F'Settembru tal-1941 tmienja minn flotta ta' disa' bastimenti kummerċjali waslu Malta u ħattew qrib 80,000 tunnellata ta' ikel u żejt. Wara ħames xhur, fi Frar 1942 kienet bdiet tinħass skarsezza u ntbagħat konvoj ta' tliet bastimenti minn Lixandra, iżda ebda wieħed ma laħaq wasal sa Malta. F'Marzu konvoj ieħor ta' 3 vapuri merkantili u *tanker* taż-żejt kienu fi triqithom lejn Malta, akkumpanjati minn erba' *cruisers* u sittax-il *destroyer* bħala skorta. Il-konvoj rażżan u skappa l-attakki tan-*navy* Taljana, iżda sab fuqu attakk aħrax mill-i*Stukas* Ġermaniżi meta wasal qrib Malta.

Wieħed mit-tliet vapuri kien mgħarraq 20 mil qrib Malta, waqt li t-*tanker* għereq 8 mili bogħod minn xtutna. It-tnejn li kien fadal, minkejja li kienu milqutin sew, irnexxielhom jaslu Malta fost il-ferħ ta' poplu mġewwaħ u ta' suldati u baħrin kważi ddisprati. Bil-kemm kienu għadhom bdew jinħattu li ma kinux attakkati u mgħarrqa fil-port il-kbir b'kulma kellhom fuqhom! U b'hekk Malta u l-Maltin ma' ħadu xejn ħlief iktar bombi waqt dawn l-attakki!

F'Ġunju 1942 intbagħat konvoj ieħor b'sitt vapuri merkantili, skortati minn żewġ *aircraft carriers* u erba' *cruisers* li telqu minn Ġibiltà. Fl-istess ħin beda l-vjaġġ tiegħu konvoj ieħor minn Lixandra lejn Malta. Kien jinkludi ħdax-il bastiment merkantili u skorta ta' tmien *cruisiers* u madwar erbgħin biċċa oħra tal-gwerra. Dan juri kemm l-alleati kienu anzjużi li jwasslu ikel u żejt biex Malta tibqa' fil-wiċċ!

Meta ż-żewġ konvojs resqu qrib iz-zona bejn il-Libja u Sqallija sabu ma' wiċċhom l-infern kollu. Żewġ bastimenti bil-ħażniet waslu Malta iżda ebda fuwil ma laħaq xtutna.

## *Operation Pedestal*

L-għafsa tal-ġuħ u skarsezzi laħqet livelli tal-biża'. L-istoriċi tal-gwerra jisħqu li kienet qagħda ta' disperazzjoni kbira. Poplu mġewwaħ, gżira mwerwra minn invażjoni u l-alleati b'daharhom mal-ħajt li se jitilfu l-"fortizza ta'Malta"! Kien deċiż li jinbagħat konvoj ieħor u akbar bħala l-aħħar tentattiv biex isalva lil Malta – l-*Operation Pedestal.* Kien l-aħħar sforz iddisprat biex Malta ma tkunx sfurzata ċċedi.



*F'ħidma perikoluża, l-SS Ohio jidher jinħatt f'nofs il-port il-kbir, taħt il-ponta tal-Isla, qabel ma nqasam u għereq qabel lehqet inhattet it-tagħbija kollha.*



*Il-Viċi-Ammirall Sir Edward Neville Syfret, kmandant tal-konvoj ta' Operation Pedestal.*

Il-kmanadanti militari kienu ddeċidew li jekk ma jaslux rifornimenti ta' ikel u żejt, kienu lesti jċedu l-armi u l-gżira ta' Malta. Jingħad li l-ħażniet li kien hawn ma kinux iservu għal aktar minn għaxart'ijiem u kienet anki ġiet stabbilita data biex iċedu... Dak iż-żmien tant kienet skarsa l-ħażna tad-dqiq li l-familji Maltin kien jħalltuh mal-qxur tal-patata biex jaħmu speċi ta' ħobż ismar – l-uniku ikel li kellhom il-Maltin! Iżda ma damitx ma skarsat ukoll il-patata u l-ħobż rega' beda jsir abjad iżda ferm iktar skars – ħobża tinbiegħ lira!

*Operation Pedestal* kien l-ikbar konvoj fl-istorja! Kollox kien inġabar f'Ġibiltà u beda jsalpa lejn Malta fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Awwissu. Kien fih erbatax-il bastiment merkantili, inkluż it-*tanker* kbir Amerikan *SS Ohio.* Ta' min jgħid li l-*Ohio* kien *tanker* ġdid taż-żejt ta' qrib 10,000 tunnellata, mibni fit-tarzna ta' Pennsylvania f'April 1940 – appena sentejn wara kien fi triqtu fil-konvoj lejn Malta.

## 44 biċċa tal-gwerra

L-erbatax-il bastiment kienu mħarsin minn qawwa navali kbira ta' erbgħa u erbgħin biċċa tal-gwerra, fosthom tliet *aircraft carriers (HMS Eagle, HMS Indomitable* u *HMS Victorious)* u żewġ *battleships* kbar *(HMS Nelson u HMS Rodney).* Il-konvoj kien immexxi mill-kmandant il-Viċi-Ammirall Sir Edward Neville Syfret (1889 – 1972), bniedem ta' esperjenza kbira fil-qasam militari u marittimu. Fl-istess jum telaq konvoj ieħor minn Lixandra lejn Malta, dejjem bil-ħsieb li jiddevjaw l-istrateġija tan-Nażisti u l-Faxxisti...

Il-konvoj minn Ġibiltà kien attakkat b'kull mezz tul ir-rotta kollha lejn Malta. Sa mill-għada, il-11 ta' Awwissu, il-konvoj kien attakkat minn *torpedoes, submarines, destroyers* u xejn inqas minn qtajja' ta' madwar 100 *bomber* Ġermaniż. L-*SS Ohio* laqqtet l-ewwel daqqa b'*torpedo* u ħadet in-nar, iżda l-baħrin salvawha għad li bdiet tnaqqas mill-veloċità.

Fit-12 u t-13 ta' Awwissu l-attakki ħraxu u l-miri kienu l-aktar fuq l-*Ohio* li kellu ħażna kbira ta' żejt – qtajja' ta' 60 *Stuka* niżlu bħal isqra fuq il-konvoj, bi tnejn minnhom jikkraxxjaw proprju fuq l-*Ohio.* Kompla jiskansa iktar mini u *torpedoes,* sakemm żewġ bombi kbar kienu *direct hit* u – jirrakkuntaw dawk li salvaw – raw l-*Ohio* jogħla minn wiċċ l-ilma u jerġa' jistrieħ imbandal... sa ma deher wieqaf għal kollox sal-10.50 tal-għodwa tat-13 ta' Awwissu, inqas minn jumejn wara li salpa minn Ġibiltà.

## S.S. Ohio

Iktar tard mal-jum, bħall-ħmar il-magħkus, bomba oħra laqtitu

*ikompli f'paġna 129*

fejn kien intlaqat mit-*torpedo* li kważi qasam il-bastiment fi tnejn. Wieħed mid-*destroyers* ipprova jirmunkah, iżda l-*Ohio* kien beda jiġġenneb u l-baħrin abbandunaw il-bastiment. L-Ammirall Syfret kien diterminat li jwasslu sa Malta. Huwa nsista li jsir kull sforz biex isalvaw l-*SS Ohio* li baqa' jinġibed u kull darba jinqatgħu ċ-ċimi minħabba t-toqol tiegħu u kif kien milqut u kważi maqsum fi tnejn. Tant kien f'sura ħażina li l-gverta, lejn in-nofs bejn il-pruwa u l-poppa, kien kważi fil-livell ta' wiċċ il-baħar. Dan waqt li l-attakki ma waqfux, bil-*bombers* Ġermaniżi ġejjin u sejrin ibattlu qnatar ta' bombi fuq l-*Ohio* u fuq il-ftit bastimenti li ma kinux għadhom tgħarrqu!

Fit-13 tax-xahar tard filgħaxija, għad li milqutin sew, irnexxielhom jidħlu Malta tliet bastimenti u l-għada, lejlet Santa Marija daħal il-*Brisbane Star* bi ftit ħażniet ta' ikel. L-*Ohio* kien għadu jitbandal bla saħħa ftit mili 'l bogħod minn Malta, miġbud u marsus bħal *sandwich* bejn żewġ *destroyers*, -*HMS Penn* u l-*HMS Ledbury* biex ma jitħalliex jiġġenneb u jinżel, sakemm jinġibed Malta. Il-bqija tal-erbgħa u erbgħin bastiment militari u ħdax tal-flotta merkantili kienu mgħarrqa mill-għadu tul il-vjaġġ bit-telfien ta' mijiet kbar ta' baħrin qalbiena! B'kollox, erba' vapuri biss irnexxielhom jaslu Malta, inkluż l-*Ohio*.



*Parti mill-pittura ta' Pawlu Camilleri Cauchi fis-sala 'Victor Grech' tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta, li turi dehra tal-konvoj fil-Port il-Kbir bix-xbiha ta' Marija Assunta.*

## 15 ta' Awwissu 1942

Nhar il-15 ta' Awwissu 1942, fid-9.30 ta' filgħodu l-*SS Ohio* – jew dak li kien fadal minnu, daħal fil-port il-kbir fejn intlaqa' minn mijiet ta' Maltin ixejru bil-ferħ minn fuq is-swar! Minħabba s-sura mwiegħra tal-bastiment, beda mill-ewwel ix-xogħol biex jinħatt iż-żejt li kien fadallu maħżun fuqu. Iżda ġara li bil-kemm laħaq inħatt kollu li ma nqasamx fi tnejn u għereq fil-port il-kbir!

Minn fuq l-*Ohio* inħattu madwar 10,000 tunnellata ta' żejt u fuwil, minn total ta' qrib 48,000 tunnellata li wasslu Malta l-uniċi erba' bastimenti li laħqu xtutna. Dawn u ftit tunnellati oħra ta' dqiq taffew il-qagħda fil-pajjiż iżda żgur ma solvewhiex. Iktar tard dik is-sena waslu aktar ħażniet permezz tas-sottomarini, iżda dawn żgur ma kinux jifilħu jġorru kwantitajiet kbar bħall-vapuri tar-*Royal Fleet Auxiliary*, jew tal-flotta merkantili. Ittajru u baqgħu stazzjonati f'Malta ħafna aktar ajruplani *Spitfires* tar-*Royal Air Force*.

Il-wasla ta' dak li kien fadal mill-konvoj tal-*Operation Pedestal* mill-ewwel beda jitqies bħala grazzja tal-provvidenza divina u baqa' magħruf bħala l-Konvoj ta' Santa Marija. Fil-miżerja u l-għaks li kien jaħkem fuq Malta u fir-reliġjożità karatteristika tagħhom, il-Maltin malajr attribwew il-wasla tal-konvoj – avolja biċċa żgħira minnu, proprju nhar il-Festa ta' Marija Assunta, bħala tweġiba ħanina għat-talb tagħhom f'dawk is-snin... snin ta' martirju li nittamaw li qatt aktar ma naraw bħalhom!



*Il-kwadru ta' Pawlu Camilleri Cauchi fil-knisja tal-Qrendi li jinkludi dehra tal-port il-kbir mal-wasla tal-Ohio bix-xbiha ta' Marija Assunta.*

Fil-qosor tajt ħarsa lejn ġrajja storika li, minbarra l-ġid li swiet lil missirijietna, baqgħet miktuba fl-annali ewlenin tal-gwerra u fl-istorja tal-flotot merkantili u militari. F'pajjiżna tul is-snin kibret fostna l-Maltin u l-Għawdxin it-tifkira tal-wasla tal-konvoj bħala "il-konvoj ta' Santa Marija". F'bosta wirjiet dehru kwadri tal-konvoj taħt ix-xbiha devota ta' Marija Mtellgħa s-Sema, kif pitter il-bravu pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi, kif għamel ukoll fl-aħħar snin fl-istess Każin ta' Santa Marija fil-Mosta.


***Referenza:***

- ***Paul Schembri,*** *Sebgħin Sena ilu, noti ta' informazzjoni, 2012.*
- ***Peter Shankland*** *and* ***Anthony Hunter,*** *Malta Convoy, New York: Ive Washburn, Inc., 1961*
- ***Irving Crump,*** *Our Tanker Fleet, New York: Dodd, Mead & Compant, 1952*
- ***Peter C. Smith,*** *Pedestal - The Malta Convoy of August 1942, London: William Kimber, 1970*